REĠJUN ĊENTRALI

---

# MINUTI

## SEDUTA Nru 55

L-Erbgħa, 25 ta' Marzu, 2015

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, L-Imsida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Skużat |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Preżenti |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Viċi-Sindku Il-Pietà | Kieth Tanti | Preżenti |
| Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Skużat |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Preżenti |

**UFFIĊJALI**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv: | Jeanette Galea |

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## 1. MINUTI

Is-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, xtaq jiċċara l-punt li kien hemm imniżżel fil-minuti numru 54 fil-punt 6.1.

Is-Sur Chircop fil-laqgħa preċendenti xtaq isaqsi lil minn hu aktar tekniku fil-qasam sabiex jipprovdi stampa aktar ċara dwar x'għandu jsir mil-lat finanzjarju biex jinxtara post għar-Reġjun.

Il-minuti tas-Seduta Nru 54 li saret nhar il-Ħamis, 19 ta' Frar 2015, kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Dominic Cassar, sekondat mis-Sur Anthony Chicop.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI

*Ma kienx hemm ħwejjeġ li jirriżultaw mill-minuti.*

## 3. KORRISPONDENZA

*Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.*

## 4. IS-SUR JAMES XUEREB – *ROAD PATCHING REPAIR WITH HOT ASPHALT (EC STANDARD)*

Is-Sur James Xuereb ma attendix għal din il-laqgħa għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għandha tikkonferma jekk is-Sur Xuereb jistax jattendi għal-laqgħa li jmiss.

## 5. IS-SUR MARIO FALZON – BINI

Il-President, is-Sur Peter Bonello, stieden lis-Sur Mario Falzon (propjetarju ta' post li jista' jintuża bħala uffiċċju għar-Reġjun) mal-mejda tar-Regjun biex ikun jista' jagħti spjegazzjoni aktar ċara tal-proposta li kien għamel mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan.

Is-Sur Falzon ta spjegazzjoni fuq il-binja proposta li tinsab f'nofs Strada Rjali ta' Ħal Balzan fil-kantuniera. Is-Sur Falzon kien ġie avviċċinat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan biex jixtri dan il-post u jsir l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill però qatt ma kien hemm deċiżjonijiet konkreti u permezz ta' komunikazzjoni mas-Sur Stephen Gatt, is-Sur Falzon xtaq iressaq il-proposta tiegħu lil dan ir-Reġjun.

Is-Sur Falzon spjega li l-post huwa kbir madwar 600 metru u li s-soqfa tal-bini mhux sodi ħafna. B'hekk issuġġerixxa li l-aħjar ħaġa tkun li l-bini li hemm fil-preżent jaqa' biex ikun hemm żewġ sulari car park u jista' jibqa' tiela' sa erba' sulari ta bini. Żied jgħid ukoll li l-permessi tal-MEPA diġà qegħdin hemm.

Il-prezz għal dan il-bini huwa ta' €750,000.00.

Is-Sur Falzon issuġġierixxa li mbagħad ikun hemm bżonn ta' madwar €500,000 oħra biex ikun jista' jinbena u jitlesta.

Is-Sur Peter Bonello rringrazja lis-Sur Falzon talli ġie fil-laqgħa u ta l-proposta tiegħu però spjega wkoll li bħala Reġjun, b'ammonti kbar bħal dawn, dejjem ikun irid jinħareġ tender.

Il-Kunsillier, is-Sur Joe Camillieri, xtaq jiġbed l-attenzjoni fuq il-kiri fejn spjega li x'aktarx ir-Reġjun, bħal Kunsill, ma jkunx jista' jikri lil ħaddieħor peress li l-Kunsill ma jkunx jista' jagħmel profitti.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, qal li dan is-suġġeriment ikun irid jiġi diskuss mad-Dipartiment għal direzzjoni biex jiġu stabbiliti linji gwida biex tinħareġ sejħa ta' offerti.

## 6. UFFIĊĊJU TAR-REĠJUN

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq fuq il-mejda l-ammonti li dan ir-Reġjun qed iħallas fuq kirjiet ta' uffiċċini u garaxx.

| | Premises | Contractor | Monthly Rent | Yearly Rent |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Administrative Office | RELOS Services | 1289.17 | 15470.04 |
| 2 | Tribunal Office | Mr Anthony Farrugia | 1311.84 | 15742.08 |
| 3 | Garage for Storage | George Seychell | 184 | 2200 |
| | | | **€2785.01** | **€33,412.12** |

Fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li s-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, għandu jipprepara rapport tal-alternattivi li għandu r-Reġjun.

Is-Sur Sultana spjega li fil-każ tar-Reġjun, il-banek ser isibuha aktar diffċċli biex jaċċettaw li jsellfu peress li d-dħul tar-Reġjun huwa miċ-ċitazzjonijiet u mhux, bħal ma huwa l-każ tal-Kunsilli Lokali, mill-allokazzjoni tal-Gvern Lokali.

Wara din l-ispjegazzjoni u kjarifikazzjonijiet mis-Sur Sultana, il-President, is-Sur Peter Bonello, talab lis-Sur Sultana biex jipprepara rapport ta' kif jista' jkun finanzjat dan il-proġett permezz tal-banek u jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

## 7. MISTOQSIJIET

Il-President, is-Sur Peter Bonello, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-membri.

Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, staqsa dwar l-ittra li kienet ifformulata flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, lill-Guard and Warden Service House Ltd. fuq il-punti li kienu tressqu mill-membri tar-Reġjun fil-laqgħa preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li din l-ittra ser tintbagħat u ser tinforma lill-membri meta jkollha risposta mill-G.W.S.H.Ltd.

Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, talbet biex ikollha rapport ta' kemm qed jinħarġu ċitazzjonijiet fil-lokalità ta' Birkirkara. Is-Sinjura Borg spjegat li dan il-punt tqajjem fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u xtaqet li r-Reġjun jipprovdi risposta.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, approva li dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai, staqsiet dwar kif jitqassam il-persentaġġ mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet lill-Guard and Warden Service House Ltd u lir-Reġjun.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, spjega li 40% taċ-ċitazzjoni tmur għand il-kumpanija G.W.S.H.Ltd. u 60% jmorru għand ir-Reġjun ikkonċernat.

Is-Sinjura Baldaacchino Cefai xtaqet ukoll tkun taf jekk il-Kunsilli Lokali hux ser jibdew jingħata persentaġġ mill-G.W.S.H.Ltd

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat li dan il-punt kien inkluż fl-ittra li ser tintbagħat lill-G.W.S.H.Ltd.

Il-Viċi Sindku, is-Sinjura Borg talbet għal spjegazzjoni fuq l-ammont dovut lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara mill-*Commissions* ta' LES.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li meta bdiet taħdem ma' dan ir-Reġjun sabet li dawn il-pagamenti kienu b'lura ħafna. Kompliet tispjega li dan ir-Reġjun ħareġ sa Mejju tal-2014 u fil-laqgħa li jmiss ser jinħareġ ammont ieħor. Wieħed irid jifhem li dan jinvolvi proċess ta' rikonċiljazjoni qabel ma jkun jista' jinħareġ l-ammont u fil-preżent dan ix-xogħol qiegħed isir minn part-timer u għal din ir-raġuni ir-Reġjun kien talab lid-Dipartiment biex ikun jista' jimpjiega Accounts Officer.

## 8. KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

Il-President, is-Sur Peter Bonello, informa lill-membri tar-Reġjun li wara konsultazzjoni mal-accountant, is-Sur Brendan Camilleri, ser jerġgħu jitqassmu fondi lill-Kunsilli Lokali mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet fuq perjodu ta' tliet xhur – Diċembru 2014 sa Frar 2015.

L-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri, kien preżenti għal din il-laqgħa biex jagħti spjegazzjoni lill-membri fuq is-sitwazzjoni finanzjarja fil-preżent u ppreżenta r-rapport.

Is-Sur Bonello spjega li dan it-tqassim għandu jibda jsir kull tliet xhur.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, issuġġeriet li peress li kull tliet xhur isiru financial statements, ir-Regjun għandu jipprepara dawn il-financial statements u mbagħad, skont il-pożżizzjoni finanzjarjara tar-Reġjun, u wara li tittieħed nota tan-nefqa rikorrenti tar-Reġjun, jiġi stabbilit l-ammont li jkun jista' jitqassam. B'hekk fil-bidu ta' April 2015 ser jingħalqu l-quarterly statements sal-aħħar ta' Marzu 2015 u dan is-suġġett għandu jerġa' jitressaq fil-laqgħa ta' Lulju 2015.

L-Accountant, is-Sur Brendan Camilleri, ħa nota ta' dan.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

### *9.1 Kwotazzjoni għal 3 kompjuters*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li hemm bżonn li jinxtraw 3 kompjuters oħra. Tnejn għall-uffiċċju amministrattiv u ieħor għat-Tribunal. Dawn qed jissossitwixxu kompjuters antiki ħafna. Għalkemm din is-sejħa kienet inħarget is-sena l-oħra, però jonqos jinxtraw 3 oħra.

Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, ressqet fuq il-mejda il-formola tal-kwotazzjoni sabiex tinħareġ din is-sejħa.

### *9.2 Xiri ta' Printers*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li hemm bżonn li jinxtraw żewġ printers li jkunu '3 in 1' (ikollhom printer/fax/photocopier) – waħda għas-Segretarju Ezekuttiv u oħra għar-Reġistratur fl-Uffiċċju tat-Tribunal. Kwotazzjoni mingħand Avantech Ltd ta' €350 il-waħda (VAT inkluża), mehmuza.

### *9.3 Aġġornament tas-Sejħa għal żewġ Executive Officers*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li dan ir-Reġjun irċieva 42 applikazzjoni għal din is-sejħa li għalqet nhar il-Hamis 5 ta' Marzu 2015. Minħabba l-ammont kbir ta' applikazzjonijiet, il-Bord iltaqa' nhar il-Gimgħa 13 ta' Marzu 2015 biex jagħmel *short listing* tal-kandidati. B'kollox għażel 13-il applikant minn din il-lista biex jiġu intervistati. Nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 ġewwa l-uffiċċju tat-Tribunal ta' dan ir-Reġjun saru intervisti lil 7 applikanti peress li s-sitt applikanti l-oħra waqqgħu l-applikazzjoni tagħhom. Il-Bord issuġġerixxa li l-ewwel preferenza kienet tas-Sur Danilo Bezzina, u t-tieni preferenza hija tas-Sinjorina Rachel-Ann Said. Il-membri ddeċiedew ukoll li l-

aħjar ħaġa tkun li kull membru għandu jagħmel il-preferenza tiegħu fuq l-ewwel erba' applikanti biex jekk xi ħadd miż-żewġ applikanti magħżulin ma jaċċettax dan l-impjieg, is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista' ddur fuq l-applikant ta' wara.

Għal din ir-raġuni, it-tielet applikant magħżul huwa s-Sur Keith Vassallo u r-raba' applikanta hija s-Sinjorina Antonella Baldacchino.

Għal din ir-raġuni, jekk il-membri jaqblu, għandu jiġi infurmat id-Dipartiment b'din id-deċizjoni biex iż-żewġ applikanti magħżulin jibdew jaħdmu ma' dan ir-Reġjun malajr kemm jista' jkun.

### *9.4 Impjieg Temporanju*

Nixtiequ ninfurmawkom li l-impjegata temporanja, is-Sinjura Joanna Zammit, li kienet impjegata mal-kumpanija T.O.A.D. Management Services Ltd, kellha opportunità ta' impjieg f'post ieħor u għalhekk kellha tieqaf l-impjieg temporanju tagħha ma' dan ir-Reġjun f'nofs dan ix-xhar.

### *9.5 Internship bla ħlas*

Il-President, is-Sur Bonello, informa lill-membri preżenti li mis-7 ta April 2015 sal-14 ta' Mejju 2015 ser ikollna żewġ studenti Finlandiżi li huma provduti minn Future Focus Ltd. Sfortunatament is-Sinjorina Tiffany li kienet ġejja, irtirat l-applikazzjoni tagħha. Future Forcus Ltd. qaltilna wkoll li tista' tipprovdilna studenta Franċiża għal perjodu ta' xharejn – mill 11 ta' Mejju sal- 11 ta' Lulju 2015.

### *9.6 Performance Appraisal tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Kif kien mitlub fil-laqgħa preċedenti, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Simon Cauchi, ġie notifikat mis-Sinjura Galea biex iressaq il-*Performance Bonus Appraisal Reports* tas-snin li kien serva f'dan ir-Reġjun. Għal din ir-raguni, is-Sur Peter Bonello qed iressaq 4 rapporti, tnejn minn Dr Malcolm Mifsud u tnejn mis-Sur Peter Bonello għall-approvazzjoni tal-membri.

### *9.7 Xkafef*

Is-Sur Peter Bonello spjega li hemm bżonn li jinxtraw ħamsin xkaffa oħra għall-garaxx li dan ir-Reġjun għandu f'Baħar iċ-Ċagħaq. Għal din ir-raġuni, is-Sur Bonello ressaq kwotazzjoni mingħand Storage Systems Ltd ta' €444.44. Din ġiet approvata.

### *9.8 Kwotazzjoni għal Fire Extinguishers*

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjeja li fl-uffiċċju amministrattiv u fl-uffiċċju tat-Tribunal hemm bżonn li jkun hemm *fire extingusihers*. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea ressqet tliet kwotazzjonijiet mingħand tliet kumpaniji differenti.

Is-Sinjura Galea spjegat li fl-uffiċċju tat-Tribunal ta' dan ir-Reġjun instabu tliet fire extinguishers skaduti mingħand il-kumpanija Pace.

Għal din ir-raġuni, il-membri tar-Reġjun qablu li dawn il-*fire extringuishers* għandhom jinxtraw mingħand Pace u li jsir servizz fuq il-fire extinguishers li hemm fil-preżent.

***9.9 Minuti***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li fl-aħħar laqgħa kienet intalbet kopja tal-Minuti fejn f'din il-laqgħa kien hemm preżenti Dr Bianchi.

Għal din ir-raġuni, is-Sur Bonello ressaq kopja tal-minuti annessa fuq il-mejda.

Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, spjega li fl-aħħar laqgħa wħud mill-membri ma kinux ċerti jekk kinitx ittieħdet xi deċizzjoni fuq dan il-punt u għalhekk is-Sur Chircop dehrlu li l-aħjar ħaġa għandha tkun li tinġieb kopja ta' dawn il-minuti waqt il-laqgħa.

***9.10 CCTV F'San Ġiljan***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega l-problema dwar is-CCTV ta' quddiem Hugo Lounge, San Ġiljan. Diversi kumpaniji bil-vannijiet tad-*delivery* qed jitolbu li ma jinħarġux ċitazzjonijiet peress li dawn ikunu qed iħottu x-xogħol tagħhom u ma jkunx hemm parkeġġ fil-viċinanza.

Għal din ir-raġuni, is-Sur Bonello ppropona li bejn id-9:00am u nofsinhar ma jinħarġux ċitazzjonijiet lil dawn il-vanijiet kummerċjali.

Il-membri tar-Reġjun preżenti ddeċċiedew li bejn it-8:00am u nofsinhar ma għandhomx jinħarġu ċitazzjonijiet lil dawn il-vannijiet kummerċjali.

Is-Sur Stephen Sultana staqsa jekk hux possibli tiġi nstallata CCTV fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

Il-kumitat qabel sabiex dan l-*item* jitpoġġa fuq l-aġenda għal laqgħa li jmiss.

***9.11 ECO wardens***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li għandha tittieħed deċizjoni fuq l-ispiża li qed ikollu dan ir-Reġjun kull xhar fuq l-ECO Wardens. Dan ir-Reġjun qed jonfoq ħafna flus fuq dawn il-Gwardjani Lokali u d-dħul minnhom huwa minimu.

L-Uffiċċjal Awtorizzat is-Sur David Soler, spjega li r-raġuni hija li Gwardjan Lokali jkollu jiddedika ħafna ħin biex forsi jaqbad lil xi ħadd.

Is-Sur Soler ressaq ukoll żewġ dokumenti u ngħatat kopja lil kull membru preżenti. L-ewwel dokument kien fuq il-kontijiet li dan ir-Reġjun qed iħallas ta' kull xhar. Filwaqt li fit-tieni dokument, kien hemm rendikont ta kemm il-ċitazzjoni nħarġet u f'liema lokalità ngħatat.

Is-Sur Anthony Chircop spjega li, fil-fehma tiegħu, ġid qiegħed ikun hemm minn dawn il-Gwardjani Lokali u għalhekk ma jaħsibx li dawn għandhom jiġu eliminati.

Is-Sur Stephen Sultana spjega li hu ma jaqbilx li l-ECO Wardens għandhom jitneħħew peress li jekk isir hekk, il-problema mhux ser tiġi riżolta.

Għal din ir-raġuni, il-membri tar-Reġjun iddeċidew li dan is-servizz għandu jitwaqqaf u r-Reġjun għandu jerġa' jikkonsidra din il-problema wara li tkun saret ir-riforma tal-iskema tal-Gwardjani Lokali.

**10. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sur Stephen Gatt, ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 54 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**11. TMIEM**

Fis-7.00pm intemmet is-seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Ħamis 23 ta' April, 2015 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President